# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1201/00**

**Numru 39**

**Equipment Hire Limited**

**vs**

**Damian Ebejer**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' (Lm518.38) hames mija u tmintax il-lira Maltin u tmienja u tletin centezmu rappresentanti prezz ta' kiri ta' apparat lill-konvenut minghand is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Legali datata 27 ta' Ottubru 1999, u tad-29 ta' Ottubru 1999 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm518.38,0 bl-imghaxijiet legali mis-6 ta’ Settembru 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tas-27 ta’ Ottubru 1999 u tad-29 ta’ Ottubru 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg